A.L. 258 ta' l-2007

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2007 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2007 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali 152 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2007 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Is-sottoparagrafu (h) li ġej għandu jiżdied war s-sottoparagrafu (g) tal-paragrafu (1) ta' l-ordinament 3 ta' l-ordinamenti prinċipali:

"**(h) Banking and Finance:**

għadda fil-Livell Intermedju tal-Matrikola fil-Matematika Pura."

L-Emenda għall-ordinament 5 ta' l-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (1) ta' l-ordinament 5 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Oqsma ta' Studju

5. (1) L-istudenti jistgħu jirreġistaw għall-Grad skond il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti f'xi tnejn minn dawn l-oqsma ta' studju:

Il-Bijoloġija; il-Kimika; ix-Xjenza tal-Kompjuter u l-Intelliġenza Artifiċjali; l-Informatika; il-Matematika; il-Fiżika; l-Statistics and Operations Research; u l-Banking and Finance."